**52. MOZZJONI DWAR SELF TA' FLUS PERMEZZ TA' ARRANĠAMENTI TA' SELF BILATERALI MIFTIEHMA MA' GVERNIJIET BARRANIN U ISTITUZJONIJIET LOKALI U BARRANIN**

Il-Ministru għall-Finanzi ppropona: -

Billi huwa provdut, fl-artikolu 13 "Limiti fuq is-self u l-finanzjament bil-quddiem" u speċifikament bis-subartikolu (4) tal-artikolu 13 tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku, il-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista' kull meta jkun awtorizzat għal hekk b'Rizoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti, jikseb flus ta' ammont mhux aktar minn dak speċifikat f'dik ir-Riżoluzzjoni permezz ta' self bilaterali;

U billi fit-28 ta' April tas-sena elf disgħa mija u sebgħa u disgħin ġie riżolt li s-somma li Gvern jista' jissellef skont subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att dwar Self għall-Iżvilupp (Kap. 229), is-somma ta' mija u ħamsin miljin lira Maltija ekwivalenti għal €349,406,009.78c (tlett mija u disgħa u erbgħin miljun, erbgħa mija u sitt elef, disgħa ewro u tmienja u sebgħin ċentezmu tal-ewro) permezz ta' self bilaterali mingħand Gvernijiet u istituzzjonijiet barranin;

Issa, għalhekk, billi l-Att dwar Self għall-Iżvilupp qed jiġi sostitwit bid-dħul fis-seħħ tal-providimenti tas- subartikolu 39 (1) (a) ta' dan l-Att, jiġi riżolt li l-Ministru għall-Finanzi jiġi awtorizzat jidħol f'arrangamenti ta'self bilaterali li jinkludi self mingħand Gvernijiet u istitutzzjonijiet lokali u barranin għall-ammont ta' mhux aktar minn €350,000,000.00c (tlett mija u ħamsin miljun Ewro) skont id-dispożiozzjonijiet tal- Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku.

20.07.17